# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Gunju 2002.**

**Numru 31**

**Citaz. numru 438/97 DS**

R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta estera Commercial Union Assurance Company Plc, surrogata bil-polizza u bil-ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha A.V. Critien & Co. Ltd. u b'nota tat-22 ta' Marzu 1999 is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-Socjeta' Estera Guarddian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja tad-Drittijiet tas-socjeta estera commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Av. Critien & Co. Ltd. assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited.

Vs

John Ellul

Illum, 18 ta' Gunju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Frar 1997 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi fl-20 ta' Frar 1995 ghal xi l-5.00 p.m. , waqt li l-car Citroen Nru W-6814 propjeta tas-socjeta' attrici A.V. Critien & Co. Ltd., kienet qed tinsaq minn Joseph Pavia gewwa Triq l-Arkati, Paola, sfat involuta f'incident awtomobbiklistiku ma' Car Escort Nru. S-1299 misjuqa mill-konvenut li harget minn Triq l-Ibjar (Dok.1);

Illi l-car Nru. W-6814 kienet assikurata mas-socjeta' attrici R. von Brockdorff Insurance Agency Limited noe taht polza comprehensive, u s-socjeta' attrici A.V. Critien & Co. Ltd. bhala l-assikurat, ghamlet claim in konnessjoni mal-incident de quo;

Illi d-danni tal-atturi kienu jammontaw ghal elf mitejn sebgha u disghin lira zewg centezmi (Lm1297.02c) dovuti in kwantu ghal elf hamsa u disghin lira tnejn u tmenin centezmu (Lm1095.82c) lil R. von Brockdorff Insurance Agency Limited noe bhala risarciment tal-ammont li din sborzat a favur tal-assikurat taghha bhala indenniz u spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident, ghal liema ammont l-imsemmija socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha bis-sahha tal-polza comprehensive, u in kwantu ghal mitejn u

lira ghoxrin centezmu (Lm201.20c) dovuti lil A.V. Critien & Co. Ltd bhala danni subiti u mhux koperti mill-polizza (Dok. 2 sa 11);

Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut, interpellat biex ihallas id-danni attrici, baqa inadempjenti;

talbet lil din il-Qorti:

1. tiddkjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobbilistiku fuq referit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. tillikwida d-danni tal-atturi fis-somma ta' elf mitejn sebgha u disghin lira zewg centezmi (Lm1297.02c) jew somma verjuri, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lil R. von Brockdorff Insurance Agency Limited is-somma ta' elf hamsa u disghin lira tnejn u tmenin centezmu (Lm1095.82c) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat a favur tal-assikurat taghha bhala indenniz u spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident, ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bis-sahha tal-polza comprehensive, u lil A.V. Critien & Co. Ltd., is-somma ta' mitejn u wiehed liri u ghoxrin centezmu

(Lm 201.20c) bhala danni subiti u mhux koperti bil-polizza comprehensive, jew ammonti verjuri.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Mejju 1995, dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Jannar 1997 u notifika fil-15 ta' Jannar 1997, u dawk tal-ittra ufficjali (presentata kontestwalment ma' dan l-att) ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bil-proceduri odjerni, u bl-imghax legali mill-15 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Preliminarjament it-talbiet kif dedotti fl-att tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi huma, ghall-fini u effetti kollha tal-ligi, preskritti u dan a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ghall-incident indikat fl-att tac-citazzjoni kien jahti unikament A.V. Critien & Co, jew agent tieghu, u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fil-5 ta' Ottubru 1999 fejn giet respinta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat il-kapitoli pprezentati mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Gunju 2002 ghas-subizzjoni tal-konvenut u li gew approvati mill-Qorti;

Billi fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2002 il-konvenut debitament imsejjah naqas milli jidher;

A tenur ta' l-artikolu 698 tal-Kap 12 tqis l-imsemmija kapitoli bhala ammessi u accettati mill-konvenut;

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobbilistiku in kwistjoni u ghad-danni kollha li konsegwenza ta' l-istess garbu l-atturi;

(2) tillikwida d-danni ta' l-atturi fis-somma ta' Lm1297.02.

(3) tikkundannaha thallas lil Atlas Insurance Agency Ltd. is-somma ta' Lm1095.82 bhala rizarciment ta' l-ammont zborzat a favur ta' l-assikurat taghha bhala indenniz u spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident, ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha bis-sahha tal-polza comprehensive, u lil A.V. Critien & Co. Ltd. is-somma ta' Lm201.20 bhala danni subiti u mhux koperti bil-polza comprehensive.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**

**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**